TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 1/16/GB

**Anthony Dimech**

**vs**

**Schembri Batteries Ltd.**

Illum 24 ta' Frar 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Jannar, 2016 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal batterija ta' karozza, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema batterija kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara batterija ghal karozza tieghu 'Toyota', minghand is-socjeta' ntimata fl-2014, ghall-prezz ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00). Fit-3 ta' Lulju 2015, il-karozza ma startjatx, fejn huwa kellu jgib lil tat-*towing*, li ccargjaha bil-*booster* u ttiehdet ghand 'Michael Debono Ltd'. Fl-4 ta' Lulju 2015, 'Michael Debono Ltd' infurmat lir-rikorrent li l-batterija ma kienitx tajba. Peress illi kienet ghadha koperta bil-garanzija, ir-rikorrent ha l-batterija lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn gie nfurmat illi l-batterija kienet inhliet u kienet baxxa u li ma setax ikun il-kaz illi kienet hazina. Fil-fatt, hekk skond is-socjeta' ntimata kien hemm xi haga hazina fil-karozza u mhux fil-batterija. Is-socjeta' ntimata kienet zammet il-batterija u ccargjatha, wara liema, l-imsemmija batterija giet tahdem. Illi pero', fid-19 ta'Awissu 2015, rega' gara l-istess.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent kien rega' hadha lura ghand is-socjeta' ntimata u halliha hemm sakemm jigi nfurmat illi kienet lesta. Ir-rikorrent qatt ma rcieva risposta minghand is-socjeta' ntimata u ghalhekk kellu jixtri batterija ohra.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent kien ha lura ghandha batterija fl-20 ta' Awissu 2015, li kienet ghadha koperta bil-garanzija. Wara li ccekkjat l-imsemmija batterija, is-socjeta' ntimata sabet illi kienet nieqsa mic-*charge*. Illi ghalhekk, hija kienet qaltlu sabiex ihalliha maghha sabiex ticcargjha u sabiex jigborha l-ghada.

Batterija trid tkun *fully charged* sabiex wiehed jista' jiddetermina, permezz ta' *tester*, jekk hijiex tajba jew le. Dan huwa l-prassi normali. Illi ghalhekk, il-batterija giet iccargjatha u gie konkluz illi kienet tajba. Irrizulta biss illi ma kellhiex bizzejjed *charge*, u li kellha bzonn tigi ccargjatha.

Meta s-socjeta' ntimata cemplet lir-rikorrent, huwa nsista illi ma ridhiex u li ried il-flus lura. Is-socjeta' ntimata spjegatlu illi ma kien hemm xejn hazin fil-batterija, pero' huwa rrifjuta illi jigborgha u halliha ghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-batterija in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jinnota illi rigwardanti l-possibbli negligenza da parti tar-rikorrent, li gie allegat mis-socjeta' ntimata, ir-rikorrent stqarr illi l-karozza tieghu hija *fully automatic* u bi *smart key*, li ghalhekk taghmilha mpossibbli illi jithalla mixghul xi dawl, jew kwalunkwe haga ohra li tista' twaqqa' l-batterija, u dana ghaliex la darba tinqala' c-cavetta, il-karozza, inkluz kwalunkwe dawl, tintefa' kompletament.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ra l-provi prodotti mir-rikorrent u n-nuqqas ta' provi mressqa mis-socjeta' ntimata, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u

jordna lis-scojeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**